MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 464/2001/1

**Citaz Nru: 464/01 JA**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland.**

**-vs-**

**Buontempo Holdings Ltd u kif wkoll Reuben Henry Buonempo propio.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-27 ta’ Marzu, 2001, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta’ konvenuta giet moghtija l-fakulta illi tagixxi bhala *sub-agent* u tbiegh poloz ta’ assikurazzjoni tas-socjeta’ attrici u dan b’ effett minn Dicembru 1999.

Illi n-negozjati u ftehim da parti tal-konvenuti sar tramite l-konvenut Buontempo proprio.

Illi ghalkemm inbieghu diversi poloz ta’ assikurazzjoni lil diversi nies b’ izultat ta’ dan l-ftehim, l-konvenuti naqqsu milli jivversaw l-istess *premia* lis-socjeta’ attrici.

Illi tali agir huwa wiehed abusive u illegali u l-konvenut Rueben Henry Buontempo, li huwa wkoll direttur tas-socjeta’ konvenuta, huwa ghalhekk personalment responsabbili.

Illi l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici jammona ghall-sitt elef tlett mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm6, 322.72) liema konvenuti interpellati diversi drabi sabeix jhallsu baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti solidarjament sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef tlett mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm6, 322.72) bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b’ rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici kontra d-diretturi l-ohra tas-socjeta’ konvenuta fil-kapacita’ taghhom personali.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati ai termini ta' l-Artikolu 187 (5) tal-Kap 12, kif wkoll permezz ta' pubblikazzjoni f' gurnal lokali wiehed (1) fl-ilsien Malti, baqghu ma' pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat in-noti ta' riduzzjoni pprezentati mill-Avukat tas-socjeta' attrici fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003 u dik prezentata fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2003.

**Ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex jhallsu s-somma ta' elfejn mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm2,145) inkluz l-interess mid-data tas-27 ta' Marzu, 2003 li fiha giet intavolata din il-kawza kif wkoll l-ispejjez ta' din l-istess kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------